# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Erbgħa, 16 ta' Lulju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 43/2023 BS**

**Giorgia Vella, Carmel Xuereb, Jimmy Gauci, Christa Gauci, Justin Gauci, Jane Saliba, Melissa Portelli, Marcel Xerri, Virginia Pace, Frank Paul Pace, Joanna Pace, Rita Frendo, Emmanuel Vella, Carmen Xuereb, Paul Spiteri, Elizabeth Azzopardi, John Saliba**

**-vs-**

**Ronald u Alexia konjġi Debrincat;**

**L-Avukat Dr. Maria Refalo li b'digriet tat-18 ta' April 2024[1] ġiet maħtura kuratriċi deputat sabiex tirrappreżenta lill-imsiefra: Josephine Azzopardi, Greta Agasievna Spiteri, Michael Spiteri, Georgina Rose Mary, Dianna Maree Grima, Michael John Anthony Spiteri, Rosina Buttigieg, Jean Tabone, Michael Grech, Elizabeth Camilleri, Alderico Pantalone, Michael John Azzopardi u Mary Sultana u b'digriet tas-17 ta' Frar 2025[2] ġiet nominata wkoll kuratriċi deputat sabiex tirrapreżenta lil John Grech.**

*Sentenza in parte*

[1] Digriet a fol 36 u 37.
[2] Digriet a fol 54.

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[3] illi ppremettew:**

1. *Illi l-atturi huma kollha propjetarjii f'ishma divizi bejniethom, ta' porzjonijiet art, accessibbli minn Triq Santa Marija, Xewkija, kif ser jigi dettaljatament spjegat u ppruvat tul is-smiegh ta' din il-kawza, u liema porzjonijiet art jinsabu delineati ahjar fuq l-annessi pjanti mmarkati bhala Dokumenti 'A' u 'B';*

2. *Illi peremzz ta' kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo, tat-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), il-konvenuti Ronald u Alexia konjugi Debrincat akkwistaw, flimkien ma' propjeta' ohra, minghand il-bqija tal-konvenuti, medda art komposta minn porzjonijiet divizi ta' art propjeta tal-esponenti, jew min minnhom;*

3. *Illi permezz ta' tliet (3) kuntratti ulterjuri, fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili, datati s-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), u d-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), l-istess konvenuti Ronald u Alexia konjugi Debrincat akkwistaw, minghand il-bqija tal-konvenuti wkoll, il-porzjon art delineata fuq il-pjanta annessa bhala Dokument 'B', liema art hija interament propjeta' tal-esponenti, jew min minnhom;*

4. *Illi l-imsemmija kuntratti saru b'mod qarrieqi u frawdolenti, li permezz taghhom giet trasferita propjeta' tal-atturi li m'humiex parti mill-kuntratti imsemmija, u dan kif ser jigi spjegat ahjar tul is-smiegh tal-kawza odjerna;*

5. *Illi minkejja li gew interpellati kemm permezz ta' ittri legali, kif ukoll permezz ta' ittri ufficjali, sabiex jirrexxindu l-imsemmija kuntratti, li permezz taghhom giet, bl-iktar mod qarrieqi u frawdolenti, mibjugha l-propjeta' tal-atturi, il-konvenuti baqghu ghal kollox inadempjenti, u ghalhekk l-atturi kienu kostretti jintavolaw il-kawza odjerna;*

[3] Rik. Ġur. A fol 1 sa 7 b'dokumenti a fol 8 u 9.

6. *Illi l-atturi ghandhom konoxxenza vera u propja tal-fatti kollha li taw lok ghal din il-kawza.*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *Tiddeciedi u tiddikjara li l-kuntratti tat-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo, kif ukoll dawk datati s-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), u d-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili huma vvizzjati u frawdolenti stante li jinkludu trasferiment ta' propjeta' tal-atturi;*

2. *Konsegwentement tiddikjara nulli l-imsemmija kuntratti, jew dik il-parti minnhom li tittratta t-trasferiment tal-propjeta tal-atturi;*

3. *Tinnomina Nutar biex jippubblika l-atti opportuni tar-rizoluzzjoni fil-hin u post li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa u tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra legali u tal-ittri ufficjali, u tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 15/2023 (SG) fl-ismijiet 'Giorgia Vella et. vs Ronald Debrincat et', kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Ronald u Alexia konjuġi Debrincat[4] illi eċċepew:**

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi;*

2. *Illi in linja preliminari, il-proċeduri odjerni llum għandhom jiġu ddikjarati li waqgħu deżerti peress li dawn ilhom pendenti ghal iktar minn sitt xhur (fil-fatt ilhom miftuha sa mill-21 ta' April 2023, u għalhekk fit-termini tal-artikolu 963 tal-Kap. 12, il-proċeduri bil-miktub kellhom jingħalqu billi l-atturi jaraw u jaċċertaw li ġew notifikati l-konvenuti kollha sa mhux iktar*

[4] Risposta ġuramentata a fol 55 sa 57.

*tard mill-21 ta' Ottubru 2023, u fin-nuqqas il-kawza kellha tiġi dikjarata deżerta;*

3. *Illi bħala konsegwenza tas-suespost, dak kollu li seħħ wara li skada dan it-terminu perentorju huwa null u bla ebda effett u l-esponenti għandhom għalhekk jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jidher li l-atturi qegħdin jipproċedu kontra l-esponenti għab-bażi tal-actio pauliana fit-termini tal-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, bejn l-atturi u l-esponenti ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika, wisq u wisq inqas hemm xi relazzjoni ta' kreditur u debitur. Għaldaqstant f'dan il-każ ma jissussistux l-estremi voluti mil-liġi għall-eżerċizzju b'suċċess ta' dan it-tip ta' kawża,*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti aġixxew dejjem in bona fede u ċertament li huma ma aġixxewx fi frodi jew qerq fil-konfront tal-atturi, li magħhom huma qatt ma kellhom xi forma ta' relazzjoni anzi lanqas biss kienu jafu bl-eżistenza tal-istess atturi;*

6. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati għaliex mhuwiex minnu li l-atturi għandhom titolu ta' proprjetà fuq xi parti mill-artijiet indikati fuq il-pjanti dokumenti A u B;*

7. *Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Maria Refalo bħala kuratur deputata tal-konvenuti msefrin[5] illi eċċepiet:**

1. *Illi l-esponenti mhix edotta mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant ma hix f'posizzjoni li tissolleva l-eccezzjonijiet kollha applikabbli skont il-Ligi. L-esponenti ghadha ma kelliex kuntatt mal-konvenuti imsefrin fuq indikati u ghalhekk qed tirriserva illi tipprezenta risposta guramentata ulterjuri jekk u meta hija tkun fil-pussess tal-informazzjoni kollha mertu tal-kawza.*

[5] Risposta ġuramentata a fol 58 sa 60.

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, u dan ghas-segwenti ragunijiet.*

3. *Illi preliminarjament, ai termini tal-artikolu 963(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atturi kellhom jaraw li l-procedura bil-miktub, tigi maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur, kif jipprovdi l-artikolu 963(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Iz-zmien perentorju ta' sitt xhur jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors guramentat, u ghaldaqstant dan ifisser li l-procedura bil-miktub fil-kawza odjerna, kellha tinghalaq fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru 2023. Stante in-nuqqas tal-atturi li jilhqu jaghmlu n-notifiki kollha tal-konvenuti fil-kawza fit-terminu stipulat fil-Ligi, il-kawza odjerna ghandha tigi dikjarata dezerta bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, permezz tar-rikors guramentat, l-atturi fil-kawza jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-kuntratti tat-tlettax (13) ta' April 2022 (ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo), tas-sbatax (17) ta' Ottubru 2022, tal-hdax (11) ta' Novembru 2022 u d-dsatax (19) ta' Novembru 2022 (ippublikati fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili), jigu dikjarati bhala vvizzjati u frawdolenti, u konsegwentament jigu dikjarati bhala nulli. It-talbiet attrici fil-kawza odjerna tal-actio pauliana, ghandhom jigu michuda peress li l-elementi ta' din l-azzjoni huma nieqsa, fosthom li jidher li ma hemm l-ebda relazzjoni ta' kreditur u debitur, bejn l-atturi u l-konvenuti fil-kawza, ai termini tal-artikolu 1144(1) tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jidher mill-atti indikati fir-rikors guramentat, mhuwiex minnu li l-atturi ghandhom titolu ta' proprjeta fuq l-artijiet indikati fuq il-pjanti mmarkati bhala dokumenti A u B, u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.*

6. *Salv risposta ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu, 2025, in vista tat-tieni (2) eċċezzjoni sollevata mill-konjuġi Debrincat kif ukoll tat-tielet (3) eċċezzjoni sollevata mill-kuratur deputat tar-rimanenti konvenuti, il-kawża ġiet differita għal-

llum għas-sentenza *in parte* dwar tali eċċezzjonijiet bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet dwarhom fil-mori.[6]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**B. Ikkunsidrat:**

**Preliminari:**

Bl-azzjoni ttentata minnhom li wasslet għal din id-deċiżjoni *in parte*, l-atturi talbu dikjarazzjoni li diversi kuntratti in atti Nutar Enzo Refalo u Nutar Anthony Hili li saru bejn il-konvenuti konjuġi Debrincat u r-rimanenti konvenuti huma vizzjati u frawdolenti. Talbu għalhekk li tali kuntratti jiġu dikjarati nulli jew *in toto* jew f'dik il-parti minnhom li taffetwa proprjeta' li jgħidu li hija fil-fatt tagħhom.

Il-konvenuti lkoll laqgħu għal dawn it-talbiet atturi b'diversi eċċezzjonijiet inkluż l-eċċezzjonijiet preliminari kkunsidrati f'din id-deċiżjoni *in parte*, ossia; it-tieni (2) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti konjuġi Debrincat u t-tielet (3) eċċezzjoni sollevata mir-rimanenti konvenuti.

Tali eċċezzjonijiet jaqraw kif isegwi:

***It-tieni (2) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti konjuġi Debrincat:***

> *2. Illi in linja preliminari, il-proċeduri odjerni llum għandhom jiġu ddikjarati li waqgħu deżerti peress li dawn ilhom pendenti ghal iktar minn sitt xhur (fil-fatt ilhom miftuha sa mill-21 ta' April 2023, u għalhekk fit-termini tal-artikolu 963 tal-Kap. 12, il-proċeduri bil-miktub kellhom jingħalqu billi l-atturi jaraw u jaċċertaw li ġew notifikati l-konvenuti kollha sa mhux iktar tard mill-21 ta' Ottubru 2023, u fin-nuqqas il-kawza kellha tiġi dikjarata deżerta.*

[6] Verbal a fol 61.

***It-tielet* (3) *eċċezzjoni sollevata mir-rimanenti konvenuti:***

> *3. Illi preliminarjament, ai termini tal-artikolu 963(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atturi kellhom jaraw li l-procedura bil-miktub, tigi maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur, kif jipprovdi l-artikolu 963(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Iz-zmien perentorju ta' sitt xhur jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors guramentat, u ghaldaqstant dan ifisser li l-procedura bil-miktub fil-kawza odjerna, kellha tinghalaq fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru 2023. Stante in-nuqqas tal-atturi li jilhqu jaghmlu n-notifiki kollha tal-konvenuti fil-kawza fit-terminu stipulat fil-Ligi, il-kawza odjerna ghandha tigi dikjarata dezerta bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Kemm it-tieni (2) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti konjuġi Debrincat kif ukoll it-tielet (3) eċċezzjoni sollevata mir-rimanenti konvenuti jittrattaw l-Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12, Liġijiet ta' Malta.

Tali artikolu jaqra kif isegwi:

> **963.** *(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.*
>
> *(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.*
>
> *(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.*

*(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijieti msemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.*

*(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.*

*(5) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi:*

*(a) meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha; u*

*(b) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.*

*(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.*

Jirriżulta, min-noti tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti in atti, li filwaqt li l-konvenuti rapprezentati mil-kuratur deputat l-Avv. Dr. Maria Refalo qiegħdin jissostanzjaw is-sollevar tat-tielet (3) eċċezzjoni tagħhom merament fuq it-trapass taż-żmien, il-konvenuti konjuġi Debrincat qiegħdin anke jsostnu li għandha tittieħed kunsiderazzjoni ta' inadempjenza li jarrekaw lill-atturi. Dan billi jallegaw, testwalment, *"li l-atturi baqgħu għal żmien twil ma għamlu lanqas l-iċken sforz sabiex jinnotifikaw lill-esponenti"*.[7]

Il-Qorti sejra tieħu konjizzjoni ta' dan fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-Artikolu 963 tal-Kap.12.

[7] Ċitazzjoni mit-tieni paġna tan-nota tal-konvenuti konjuġi Debrincat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-Artikolu 963, fis-subinċiż tiegħu numru wieħed (1), jagħmel ċar li l-proċedura bil-miktub, **f'kull kawża**, għandha tiġi magħluqha, fil-Qorti tal-ewwel grad, fiż-**żmien perentorju ta' sitt xhur**. Is-subinċiż tnejn (2) jispeċifika mbagħad li tali terminu jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat.

Meqjusa biss tali żewġ subinċiżi tal-Artikolu 963, jirriżulta li ġjaladarba r-rikors ġuramentat ġie ppreżentat nhar il-21 ta' April, 2023[8] mentri: **[i]** il-konvenuti rappreżentati mil-kuratur deputat ġew ilkoll għajr John Grech dikjarati notifikati bl-atti nhar it-3 ta' Awwissu, 2023 u nhar it-22 ta' Awwissu, 2023 – tramite rappreżentanti magħrufa tagħhom;[9] **[ii]** il-konvenut John Grech ġie dikjarat notifikat bl-atti nhar il-21 ta' Ġunju, 2024 u nhar d-9 ta' Lulju, 2024 – tramite rappreżentanti magħrufa tiegħu;[10] **[iii]** il-konvenut Ronald Debrincat ġie notifikat nhar il-5 ta' Frar, 2025 mentri f'isem martu Alexia Debrincat aċċetta n-notifika nhar is-6 ta' Frar, 2025;[11] iż-żmien ta' sitt (6) xhur meqjus perentorju ai termini tas-subinċiż wieħed (1) tal-Artikolu 963 – li effettivament għalaq nhar il-21 ta' Ottubru, 2023 – kien diġa' skada wara li saru varji minn-notifiki neċessarji.

Dan iżda jrid jiġi kkunsidrat kemm fid-dawl tas-subinċiż tlieta (3) tal-Artikolu 963 li jagħti s-setgħa lill-Qorti f'li tagħti ordni, imqar jekk darba, anke wara l-għeluq tal-istess terminu perentorju ta' sitt (6) xhur sabiex il-proċeduri jingħalqu u jiġi evitat li l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew xi nuqqas proċedurali jew ta' formalita kif ukoll fid-dawl tax-xogħol siewi li kien qiegħed isir mill-avukat difensur tal-atturi f'tentattiv li l-atti jkunu integri.

L-eżistenza tas-subinċiż tlieta (3) tal-Artikolu 963 inniffsu juru ċar li kull kemm jista jkun, Qorti għandha dejjem issalva l-atti ta' kawża dment li jekk oltre nuqqas ta' xi formalita' ma' jkun hemm xejn ta' preġudizzju serju lejn il-partijiet.

[8] Ref. timbru tar-reġistru tal-Qorti a fol 1.
[9] Ref. digriet tal-10 ta' Jannar, 2024 a fol 30 u 31.
[10] Verbal a fol 51.
[11] Verbal a fol 53.

Oltre minn hekk, is-subinċiż ħamsa (5) tal-Artikolu 963 jispeċifika x'għandu jseħħ meta, minkejja xi ordni mogħtija mill-Qorti ai termini tas-subinċiż tlieta (3) tal-istess Artikolu 963, il-proċedura bil-miktub ma' tiġix magħluqha.

Is-subinċiż ħamsa (5) jispeċifika għalhekk li, f'tali każ, jekk il-kawża tkun qiegħda tinstema minn Qorti tal-ewwel grad, *"din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smiegħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha"*. Allura, tali kawża tkun ġiet differita *sine die*, mhux diġa' hemm dikjarata deżerta.

Dan ikompli jżid mal-konvinzjoni li l-ħsieb tal-leġislatur dejjem kien sabiex kemm jista jkun, kawża tiġi salvata. L-istess jirriżulta minn qari tas-subinċiż sitta (6) tal-Artikolu 963 li jrid li anke bid-deżerzjoni proprja ta' kawża fil-Qorti tal-ewwel grad, l-anqas jispiċċa il-jedd għall-azzjoni.

Magħdud dan, u tenut kont tal-fatt li, <u>dwar in-notifika tal-konvenuti lkoll għajr dawk konjuġi Debrincat</u>:

i. L-atturi pproċedew sa mill-istadju bikri tal-proċeduri, ossia b'rikors ippreżentat kontestwalment ma' dak promotur – fil-21 ta' April, 2023[12] – sabiex talbu l-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuti assenti;[13]

ii. Il-Qorti prosegwiet sabiex biss ftit jiem wara – fit-28 ta' April, 2023 – ordnat in-notifika tal-bandi neċessarji kif ukoll ta' l-atti proċedurali;[14]

iii. In-notifika ordnata mill-Qorti ġiet rifjutata minn xi persuni notifikati bil-bandi u l-atti relattivi u dan wara varji tentattivi ta' notifika lilhom li seħħew bil-posta f'Mejju 2023 u bil-purtier tal-Qorti f'Awwissu, 2023;[15]

iv. L-atturi kellhom jirrikorru għalhekk sabiex jitolbu n-notifiki neċessarji ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta u dan għamluh fi żmien raġjonevoli wara t-tentattivi ta' notifika

[12] Ref. timbru tar-reġistru a fol 10 u ieħor a fol 12.
[13] Ref. rikors a fol 10 sa 12.
[14] Digriet a fol 14
[15] Ref. riferti in verso paġina tal-fol 16, envelopes u *pink cards* tal-*MaltaPost* a fol 19, 20, 21, u 22.

ordinarji ossia, fit-13 ta' Ottubru, 2023,[16] qabel għalaq it-terminu perentorju ta' sitt (6) xhur skond l-Artikolu 963(1);

v. Il-Qorti, b'riżultat tat-tali rikors magħmul mill-atturi ai termini tal-Artikolu 187 tal-kap. 12, diliġentement prosegwiet sabiex semgħet lill-purtier nhar is-7 ta' Diċembru, 2023[17] u, wara dan, għaddiet sabiex ħarġet id-digriet tal-10 ta' Jannar, 2024 li bih ddikjarat in-notifiki neċessarji magħmulha fit-tlieta (3) u fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu, 2023 ai termini tal-Aritkolu 187 tal-Kap.12;[18]

vi. Irriżulta li sfortunatament fil-bandi oriġinali ġie mħolli konvenut barra, il-konvenut John Grech,[19] u dan mhux b'nuqqas tal-atturi iżda bi żvista amministrattiva tar-Reġistru tal-Qorti. Il-Qorti għalhekk għaddiet sabiex fid-19 ta' April, 2024 ordnat il-ħruġ ta' bandi ġodda rigward l-istess John Grima;[20]

vii. Għal darb'oħra, il-bandi relattivi għal John Grima ma' ġewx aċċettati minn xi persuni notifikati bihom u bl-atti relattivi u dan wara varji tentattivi ta' notifika lilhom li seħħew bil-posta f'Mejju, 2024 kif ukoll bil-purtier tal-Qorti f'Ġunju, 2024;[21]

viii. L-atturi kellhom għalhekk u għal darb'oħra jirrikorru sabiex jitolbu n-notifiki neċessarji ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta u dan reġgħu għamluh fi żmien raġjonevoli wara t-tentattivi ta' notifika ordinarji ossia, fit-30 ta' Lulju, 2024;[22]

ix. Il-Qorti, b'riżultat tat-tali rikors magħmul mill-atturi ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12, reġgħet diliġentement prosegwiet sabiex semgħet lill-purtier nhar is-16 ta' Ottubru, 2024[23] u, wara dan, għaddiet sabiex tat id-digriet fl-istess data tas-16 ta' Ottubru, 2024 li bih ddikjarat in-notifiki neċessarji magħmulha fil-21 ta' Ġunju, 2024 u fid-9 ta' Lulju, 2024 ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap.12;[24]

[16] Ref. rikors a fol 23.
[17] Ref. traskrizzjoni tax-xhieda a fol 26 *et seq.*
[18] Digriet a fol 30 u 31
[19] Ref. lista ta' ismijiet fl-ewwel bandu a fol 15 vis-à-vis il-lista ta' ismijiet tal-konvenuti fir-rikors ġuramentat promotur.
[20] Dirgiet a fol 36b
[21] Ref. referti in verso paġina tal-fol 37, envelopes u *pink cards* tal-*MaltaPost* a fol 39, 40, 41, u 42.
[22] Ref. rikors a fol 43.
[23] Ref. traskrizzjoni tax-xhieda a fol 49 *et seq.*
[24] Digriet a fol 51.

Dwar imbagħad in-notifika tal-konvenuti konjuġi Debrincat, il-provi in atti jammontaw għas-segwenti:

i. it-timbru tar-reġistru tal-Qorti li juri li bħala notifiki tar-rikors ġuramentat promotur ġew mħallsa tlieta (3), għal tlieta (3) min-nies – attriċi waħda għan-nom tal-atturi kollha u ż-żewġ konvenuti konjuġi Debrincat,[25] u;

ii. id-dikjarazzjoni li saret fl-udjenza tal-15 ta' Frar, 2024 mill-avukat difensur tal-atturi li ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li minkejja li n-notifika lilhom kienet tħallset, kien għadu ma sarx tentattiv sabiex jiġu notifikati.[26]

Jirriżulta li wara dan, u fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 2025, deher il-konvenut Ronald Debrincat li nforma lill-Qorti li huwa kien debitament notifikat il-jum ta' qabel, fil-5 ta' Frar, 2025, mentri aċċetta wkoll in-notifika f'isem martu Alexia Debrincat.[27]

F'dan l-istadju, il-konvenut Ronald Debricnat deher mhux assistit u ma tagħax l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub kien għadhom ma ġewx magħluqha.

Tali fatti ma ġewx ikkontestati mill-konvenuti u r-raġuni għaliex ma ġietx ittentata notifika lill-konvenuti konjuġi Debrincat qabel mhijiex magħrufa. B'dan iżda li ċertament ma tistax tiġi attribwita lill-atturi aktar milli tista' tiġi attribwita lil xi nuqqas amministrattiv, ġjaladarba jirriżulta nkontestat li t-taxxa għan-notifika kienet imħallsa mill-atturi.

Fit-tali ċirkostanzi, din il-Qorti ma' tħossx li hemm l-estremi li jinneċessitaw li l-kawża li wasslet għal din id-deċiżjoni *in parte* tiġi dikjarat deżerta, partikolarment fid-dawl tal-fatt li r-raġuni aħħarija għad-dewmien riskontrat sabiex ingħalqu l-proċeduri bil-miktub tirriżulta attribwibbli għal nuqqasijiet amminsitrattivi. Realta' li sfortunatment, u partikolarment ukoll fiż-żminijiet in mertu, hija ben risaputa għall-Qorti presjedenti.

[25] Timbru a fol 1 u notamenti a fol 2.
[26] Ref. verbal a fol 33
[27] Verbal a fol 53.

Il-Qorti hawnhek, u għalhekk, tieħu spunt mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar, 2003 mogħtija fl-ismijiet ***Distinct Conversions Limited vs Joseph Fasanelli***, iċċitata mill-konvenuti konjuġi Debrincat stess, u tqies li f'dan il-każ m'hemmx lok għad-deżerzjoni ġjaladarba n-nuqqas huwa attribwibbli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja meta bi żvista ġie eskluż wieħed mill-konvenuti fl-ewwel bandu mentri filwaqt li n-notifika relattiva għall-konvenuti konjuġi Debrincat kienet mħallsa mill-atturi, l-istess, għal xi raġuni njota, baqgħet ma saritx fil-ħin opportun.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenuti konjuġi Debrincat kif ukoll tiċħad it-tielet (3) eċċezzjoni tar-rimanenti konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur